

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1942****tat-22 ta' Novembru 2019****li ma tapprovax il-carbendazim bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 9****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 89(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 <sup>(2)</sup> jistabbilixxi lista ta' sustanzi attivi eżistenti li għandhom jiġu vvalutati biex possibbilment jiġu approvati għall-użu fil-prodotti bijoċidali. Din il-lista tinkludi l-carbendazim (Nru KE: 234-232-0; Nru CAS 10605-21-7).
- (2) Il-carbendazim ġie evalwat għall-użu fi prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 9, preservattivi għal fibra, ġilda, gomma u materjali polimerizzati, kif deskritti fl-Anness V tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>, li jikkorrispondu mat-tip ta' prodott 9 kif deskritt fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
- (3) L-awtorità kompetenti ta' evalwazzjoni tal-Ġermanja ppreżentat ir-rapport tal-valutazzjoni flimkien mal-konklużjonijiet tagħha lill-Kummissjoni fit-2 ta' Awwissu 2013.
- (4) Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1062/2014, il-Kumitat tal-Prodotti Bijoċidali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi <sup>(4)</sup> adotta l-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi fis-27 ta' Frar 2019, filwaqt li qies il-konklużjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni.
- (5) Skont dik l-opinjoni, il-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 9 li fihom il-carbendazim jistgħu ma jkunux mistennija li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 19(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 peress li x-xenarji ambjentali evalwati identifikkaw riskji mhux aċċettabbli għall-ambjent u ma seta' jiġi identifikat l-ebda użu sikur.
- (6) Filwaqt li titqies l-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, mhuwiex xieraq li l-użu tal-carbendazim għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 9 jiġi approvat, peress li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 mhumiex issodisfati.
- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

<sup>(1)</sup> ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1).

<sup>(3)</sup> Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1).

<sup>(4)</sup> Opinjoni tal-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPC) fir-rigward tal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva Carbendazim, Tip ta' prodott: 9, ECHA/BPC/218/2019, Adottat fis-27 ta' Frar 2019.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Carbendazim (Nru KE: 234-232-0; Nru CAS: 10605-21-7) mhuwiex approvat bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 9.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Novembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

---